MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2005

Avviz Numru. 535/2004

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**Emanuel Camilleri**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, disa' mija u tnejn u disghin Lira Maltin u wiehed u sittin centezmu, (LM1,992.61,0), oltre l-imghaxijiet legali mid-29 ta' Jannar tas-sena 1998 sal-14 ta' Mejju tas-sena 2004 li jammontaw ghal seba' mija u sitta u sittin Lira Maltin u hamsin centezmu, (LM766.50,0), liema somma hija dovuta in rifuzjoni ta' somma bilancjali ta' flus**

**avanzati b'titolu ta' self (loan account) bin-numru 078-048220-300 oltre l-imghaxijiet legali ulterjuri mill-15 ta' Mejju tas-sena 2005 sad-data tal-pagament effettiv;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali datata it-18 ta' Marzu tas-sena 2002 u l-mandat ta' sekwestru numru 2055/2004 tal-kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-21 ta' Gunju tas-sena 2005 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------